MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2007

Rikors Numru. 757/2005

**Il-Korporazzjoni Telemalta**

**vs**

**Josephine Anne Bouslama nee Darmanin**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tas-socjeta` kummercjali Maltacom p.l.c. fejn fiha s-socjeta` rikorrenti ppremettiet:

Il-kawza fl-ismijiet fuq premessi (Cit. Nru. 194/96GC) giet deciza min din il-Qorti fis-26 ta` April, 1996, u fl-istess kawza l-konvenut kien gie kkundannat jhallas lill-Korporazzjoni Telemalta s-somma ta` Lm814.62 (tmien mija u erbatax liri maltin u tnejn u sittin centezmu), in konnessjoni mas-servizz telefoniku numru 413015 li kien

installat fil-fond *'Hairlines'*, 242, Constitution Street, Mosta, bl-imghax u bl-ispejjez.

Is-socjeta` Maltacom p.l.c. illum issuccediet dik li qabel kienet il-Korporazzjoni Telemalta u ghalhekk hija l-istess socjeta` rikorrenti li llum ghandha interess fil-kawza indikata fl-ismijiet fuq premessi.

Mill-imsemmija somma l-konvenut ghadu ma hallas xejn, u b`hekk l-ammont dovut fil-mument, huwa tas-sorte fuq indikati, oltre Lm115.91 (mija u hmistax liri maltin u wiehed u disghin centezmu) spejjez u drittijiet professjonali skond l-annessa taxxa mmarkata Dokument *"A"* kif ukoll Lm586.53 (hames mija, sitta u tmenin liri maltin u tlieta u hamsin centezmi), imghax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tas-sentenza sal-lum, u ghalhekk l-ammont dovut lill-esponenti huwa ta` Lm1517.06 (elf, hames mija u sbatax lili maltin u sitt centezmi), salv kull imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Mid-data tas-sentenza ghaddew aktar minn hames (5) snin u s-socjeta` esponenti ghandha interess illi tipprocedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut.

Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt illi taghmel referenza ghall-artikolu 258 *et sequitur* tal-Kodici ta` Oranizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta` Malta titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Rat illi l-konvenuta, ghalkemm debitament notifikata, baqghet ma pprezentat ebda risposta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet ix-xhud prodott.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat illi t-talba tas-socjeta` attrici giet pjenament pruvata ghas-sodisfazzjon ta` din il-Qorti.

Taqta` u tiddeciedi billi tilqa` t-talba tas-socjeta` attrici u tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza tas-26 ta` April, 1996 (Cit. Nru. 194/96GC) fl-ismijiet “Il-Korporazzjoni Telemalta kontra Josephine Anne Bouslama nee Darmanin.

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------